**Laqgha Numru 02/K6/2011**

**Introduzzjoni**

It-Tieni Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 19 ta' Jannar 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ***(li wasal fil-5.37pm)*** u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-11 ta' Jannar 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 23/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 23/K6/2010.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K6/2011.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K6/2011.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Talba ghall-bridge loan vis-a-vis progetti ta' l-EU.**

**07. Approvazzjoni ta' kwotazzjoni ghal xoghol fi Triq M. Luther King.**

**08. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 23/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 23/K6/2010 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 23/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 2.08, u ghall-Minuti 21/K6/2010 item 15.37 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill ittella' grupp ta' tfal Wales f'Mejju 2011 ghac-cerimonja tal-Mayor Making, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol fuq din l-inizjattiva ser jibda fil-gimghat li gejjien vis-a-vis l'issa l-Kunsill ghandu l-Bye Law ghal dawn it-tip t'attivitajiet b'sehh mill-24 ta' Jannar 2011.

**46/7503/10/I** Ittra minghand GreenPak jinfurmaw lill-Kunsill li l-kuntratt tat-Tbattil tal-

24/11/2010 Bring in Sites ser jiskadi fl-10/03/11, il-Ftehim Generali ser jiskadi fit-12/02/11 u l-Gbir Bieb Bieb ta' Skart Riciklat ser jiskadi fis-16/03/11 u staqsew jekk dawn humiex ser jiggeddu.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 8.47 u ghall-korrispondenza numru **46/7503/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li dan l-item jithalla ghall-laqgha ohra halli tilhaq issir laqgha maghhom, il-kelliem qal li l-laqgha li kellha ssir biex nitolbu ghaliex ma kienux baghtu r-rati tal-bins li l-Kunsill kien xtaq li jitlob sponsor ghalihom mill-Bank HSBC, issa l-intbaghtet din l-informazzjoni kif ukoll talbu biex nibghatulhom l-indirizz tal-iskola biex iheggu li-tfal jisseparaw aktar, issa m'ghadx hemm htiega li din issir. Intant il-kelliem ippropona biex il-Ftehim Generali li jiskadi fit-12 ta' Frar 2011, ghandu jerga' jigi mgedded.

2.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7553/10/I** 26/11/2010 Email minghand il-Programm Hadd Ghalik jitolbu l-ghanjuna tal-Kunsill sabiex jigbru grupp ta' nies mill-lokal sabiex ikunu bhala udjenza u jekk isir dan, il-produzzjoni jkunu lesti li jaghtu prominenza lill-lokal.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 8.61 u ghall-korrispondenza numru **46/7553/10/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li titqassam cirkulari biex min irid jiehu sehem japplika mal-Kunsill u l-Kunsill jipprovdi t-trasport bhala attivita' socjo-kulturali, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li xoghol fuq din l-inizjattiva ser jibda fil-gimghat li gejjien vis-a-vis l'issa l-Kunsill ghandu l-Bye Law ghal dawn it-tip t'attivitajiet b'sehh mill-24 ta' Jannar 2011.

**46/7703/10/I** 03/12/2010 **46/7803/10/I** 09/12/2010 Email minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Malti fl-Universita' ser jorganizzaw Kors fil-Qari tal-Provi bil-Malti u Memo 147/2010 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar dan il-kors.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 8.94 u ghall-korrispondenza numri **46/7703/10/I u 46/7803/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien infurmah li jixtieq jattendi ghal dan il-kors u ghalhekk kien ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jigi mheggeg li jaghmel dan il-kors u jekk ikun lest li jhallsu huwa, il-Kunsill ghandu jikkoncedi li jinghata koncessjoni li jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol fit-3.45pm kull darba li jattendi l-kors u dan bhala special leave sabiex ikun jista' jattendi, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minhabba mpenji ohra personali ma kienx possibbli li huwa jattendi ghal dan il-kors, liema kors kien ser ihallas ghalih personalment.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 13.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tara 'itimised bill' tal-kontijiet tat-telefon ta' dawn l-ahhar tlett xhur, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn kienu qed jingabru.

2.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li dawn ghandhom jingabru kemm jista' jkun malajr.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 13.05 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbet li meta jigu diskussa rapporti finanzjarji, il-Kunsill ghandu jitlob li tkun prezenti l-accountant sabiex twiegeb ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, is-Sindku Joe Zammit qal li l-accountant se tkun infurmata biex fil-laqghat li jkun ser jigi diskuss il-Quarterly Financial Report, tattendi biex tirrispondi ghal xi domandi tal-Kunsilliera.

2.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li anke ghall-laqgha tal-lokalita' l-accountant ghandha tibda tkun mistiedna.

*2.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fil-5.37pm.*

2.12. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-accountant ghandha tibda tigi mitluba tkun prezenti kull meta jigu diskussa d-dokumenti tal-Quarter Financial Report.

2.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.15. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 14.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal qtugh ta' palm infettat kif ukoll kien qal li ser issir site plan u ritratti tal-palm kollu li hemm bzonn, is-Sindku Joe Zammit qal li dan ser issir fil-jiem li gejjien flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn ser iduru l-palmi nfettati.

2.16. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 14.16 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill ghandu jaghmel lezzjonijiet ta' etika, is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat sabiex taghti aktar taghrif fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

2.17. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 14.24 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li r-ritratti antiki li kien hemm fis-sala tal-Kunsill, ghandu jinstab mezz biex jergghu jitwahhlu u mhux jithallew fl-istore tal-Kunsill minhabba li qalet li dawn huma ritratti storici u ta' certu valur ghall-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn ser jitwahhlu fil-jiem li gejjien wara li nxtara l-materjal adegwat.

2.18. B'riferenza ghall-Minuti 23/K6/2010 item 14.32 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona biex jinkera High Up ghall-zbir ta' palm ta' Triq il-Mediterran u xi sigar ohra fi Triq Mandalay, is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li ma hemmx bzonn il-htiega ta' dan wara li saret spezzjoni flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

2.19. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss ser ikun diskuss it-tigdid tal-kuntratt tal-Handyman li jiskadi fit-28 ta' Frar 2011.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K6/2011.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 01/K6/2011 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

3.04. Il-Minuti gew approvata.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K6/2011.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 01/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 23/K6/2010 u 02/K6/2011 **(Ara**

**dokument A); Internal Memo 02/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 23/K6/2010 u 02/K6/2011 **(Ara dokument B); Internal Memo 03/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Onor. Dr. Chris Said dwar il-finanzjament ta' progetti ta' l-EU **(Ara dokument C); Internal Memo 04/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Transport Malta **(Ara dokument D);** Rapport tas-Sindku ghall-Business Plan 2011-2014 **(Ara dokument E) u** Flyer lir-residenti b'avviz dwar iz-zamma u l-manutenzjoni tal-bankini **(Ara dokument F).**

## 06. Talba ghal Bridge Loan vis-a-vis progetti ta' l-EU.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment ghall-Bridge Loan kif ukoll li javvicina lill-Banek lokali sabiex jinghata facilita' ta' Bridge Loan bl-ammont ikun identifikat mill-FTZ skond iz-zewg progetti ta' l-EU li qed jahdem fuqhom bhalissa l-Kunsill u dan wara laqgha li saret ma' l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said.

6.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Approvazzjoni ta' kwotazzjoni ghal xogħol fi Triq M. Luther King.

7.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill l-istimi ta' Ell's Urban Services u J&K Contractors. **(Ara dokument G u H)**

7.02. Is-Sindku Joe Zammit jipproponi li l-Kunsill japprova z-zewg kwotazzjonijiet li rcieva l-Kunsill kif kien approva li jitlob, ghal xoghol ta' patching kif titlob id-delega tal-Kunsill u l-ohra ghall-manutenzjoni ta' bankina fi Triq Martin Luther King. Il-kelliem qal li dan ix-xoghol ghandu jinbeda minn ghada stess. Il-kelliem qal ukoll li ser isir xi patching ukoll fi Triq Gabriele Henin, Triq Burma u xi xoghol iehor.

7.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05. Qamm battibekk bejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat ghall-mod kif is-Sindku Joe Zammit waqqaf lill-kelliema milli titkellem.

7.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet lista ta' fejn ser isir il-patching.

7.07. Is-Sindku Joe Zammit qal li kif diga kien qal ser isir patching fi Triq Sir Adrian Dingli, Triq Martin Luther King, Triq G. Henin, Triq Burma minn hdejn il-Madonna sar-roundabout, it-Triq tar-Reverse Osmosis u fejn hemm xi hofor ohra madwar il-lokal. Il-kelliem stieden lill-Kunsilliera, sabiex jispezzjonaw it-toroq tal-lokal u jinfurmaw lura lill-Kunsill b'xi xoghol li jahsbu li hemm bzonn isir, bhal ma ghamel huwa flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn ttiehdu ukoll ritratti.

7.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li trid tkun taf fejn ser issir ix-xoghol sabiex tkun tista' tivverifikah, u dan minhabba li skond hi kien hemm kazijiet fil-passat, fejn intbaghat kont mill-kuntrattur u x-xoghol ma kienx sar.

## 08. Approvazzjoni tal-kontijiet.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument I)**

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-ahhar laqgha li saret ta' l-AKL, il-plenarja, il-prezzijiet mitluba mill-AKL kienu esagerati. Il-kelliema qalet li anke l-prezzijiet mitluba ghall-laqgha tas-Sindki huwa esagerat meta wiehed iqis li din il-laqgha ser issir fil-perjodu tax-Xitwa.

8.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-Plenarja ta' l-AKL suppost kien hemm il-kafe', izda dan ma kienx inghata.

8.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jesplora l-possibilita' li dwar il-photocopies, il-Kunsill jixtri servizz bi hlas ghal kull kopja.

8.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata inkluz li l-kontijiet tal-J&K Contractors jinhargu wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Perit tal-Kunsill.

8.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.08. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-6.00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 23 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |